DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITA`
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

ID-DISA' SENA IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa u nofs

L-Isem: _____ Il-Klassi: _____

Din il-karta tal-eżami fiha SITT taqsimiet.

Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titlu ta' kull eżerċizzju.

Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.

Għall-użu tal-għalliema

Taqsima A	Taqsima B	Taqsima C	Taqsima D	Taqsima E	Taqsima F	Total
18	17	17	20	15	13	100

Taqsima A **(18-il marka)**

L-AWTENTIĊITA'

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (4 marki)

1. Kull bniedem huwa uniku u (differenti, identiku, kopja) minn bnedmin oħra.
2. (Il-ferħ, L-egoiżmu, Il-paċi) u l-gideb jkissru l-imħabba u l-ħbiberija ta' bejnietna.
3. Meta ma ngħidx il-verità nkun bħal meta nilbes (libsa, kappell, maskra).
4. Fil-Magħmudija nsiru parti mill-komunità (tal-iskola, tal-Knisja, tar-raħal).

Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata. (3 marki)

5.	Kien l-akbar ħabib ta' David.	**Ġ**_____
6.	Mar bil-lejl jiltaqa' ma Ġesù.	**N**_____
7.	Qarraq b' missieru biex jieħu l-primoġenitura.	**Ġ**_____

Kompli dawn is-sentenzi. (4 marki)

8. Ħbieb tajba u sinċieri huma _____

_____.

9. Fl-innu tal-imħabba San Pawl jurina li l-imħabba _____

_____.

Wieġeb.

10. Fil-Vanġelu joħroġ ċar li Ġesù kien isibha diffiċli jibni relazzjoni ma' ċertu grupp ta' nies. Lil dawn in-nies kien isejħilhom "oqbra mbajda".

    a. Min kienu dawn in-nies?

    _____ (marka)

b. Għaliex kien isejħilhom "oqbra mbajda"?

_____

_____ (2 marki)

c. Agħti **eżempju**, mill-ħajja ta' kuljum, meta aħna wkoll inkunu qed inġibu ruħna bħall-"oqbra mbajda".

Eżempju: _____(marka)

11. F'madwar **erbgħin (40) kelma**, spjega kif int, bħala Nisrani/ja, tista' turi rispett u mħabba lejn l-oħrajn meta tkun qed tuża l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.

_____

_____

_____

_____

_____ (3 marki)

Taqsima B **(17-il marka)**

BNIEDEM SĦIĦ

Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata. (4 marki)

1. Alla ħalaq kollox **t**_____.
2. Ir-rakkont tal-ħolqien insibuh miktub fil-ktieb tal-**Ġ**_____.
3. Il-bniedem huwa l-ogħla **ħ**_____ ta' Alla.
4. "L-akbar fostkom irid ikun il-**q**_____ tagħkom".

Wieġeb

Fost il-virtujiet insibu dawk hekk imsejħin virtujiet kardinali.

5. X'tifhem bil-kelma *virtù*?

   _____

   _____ (2 marki)

6. Semmi **tnejn** mill-virtujiet kardinali.

   (i) _____ (marka)

   (ii) _____ (marka)

7. Agħti **żewġ eżempji** kif Ġesù tassew għex il-virtù tal-umiltà tul ħajtu.

   (a) _____ (marka)

   (b) _____ (marka)

8. Permezz ta' **eżempju** mill-ħajja ta' kuljum, spjega kif inti bħala Nisrani/Nisranija tgħix il-kwalità tal-umiltà fil-ħajja tiegħek.

   _____

   _____ (2 marki)

Il-"preġudizzju" hu ġudizzju minn qabel tkun rajt b'għajnejk.

9. Agħti **żewġ** eżempji ta' preġudizzju.

   a. _____ (marka)

   b. _____ (marka)

10. Spjega kif il-ġrajja tal-mara midinba (adultera) turina li Ġesù ukoll ħadem kontra l-preġudizzju.

    _____

    _____

    _____

    _____

    _____

    _____ (3 marki)

Taqsima C **(17-il marka)**

RELAZZJONIJIET

Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata. (2 marki)

1. Il-leħen tal-**k**_____ jgħin lin-Nisrani fl-għażliet importanti tal-ħajja.
2. Il-**f**_____ hija l-pedament li fuqha tinbena kull soċjetà.

Kompli dawn is-sentenzi. (6 marki)

3. Fiż-żwieġ Nisrani r-raġel u l-mara jsiru _____

_____.

4. Il-kuluri fuq il-bandiera tal-qawsalla _____

_____.

5. Permezz tat-talenti u l-kapaċitajiet tagħna _____

_____.

Wieġeb

6. Ikteb **eżempju** ta' kif tieħu ħsieb tiegħek innifsek.

a. mentalment:_____ (marka)

b. spiritwalment:_____ (marka)

7. Għaliex ir-relazzjonijiet tagħna mal-oħrajn ma għandhomx ikunu bbażati fuq id-dehra fiżika biss?

_____

_____ (2 marki)

8. Għaliex il-pornografija twaqqa' u tbaxxi d-dinjità tal-bniedem?

_____

_____ (2 marki)

9. F'madwar **40 kelma** u permezz ta' **eżempju** spjega kif int bħala Nisrani/Nisranija tista' tkun rigal għall-oħrajn.

_____

_____

_____

_____

_____ (3 marki)

Taqsima D **(20 marka)**

X'JAGĦMILNI NISRANI?

Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata. (4 marki)

1. Ir-reliġjon tgħin lill-bniedem jidħol f' **r**_____ personali ma' Alla.
2. Fis-seklu li għadda sar il-Konċilju **V**_____ it-Tieni.
3. Il-Papa Ġwanni 23 sejjaħ dan il-Konċilju għax ried li l-Knisja taġġorna t-**t**_____ tagħha.
4. L-istess Konċilju għaraf li fir-reliġjonijiet mhux Kattoliċi hemm ukoll elementi ta' **v**_____.

Kompli dawn is-sentenzi. (6 marki)

5. Il-Beatitudnijiet huma _____

_____.

6. "Ħenjin il-foqra fl-Ispirtu _____

_____".

7. Il-martri huma _____

_____.

Wieġeb

8. Għaliex niċċelebraw il-festi tal-qaddisin?

_____

_____ (2 marki)

9. Semmi **tnejn** mill-mexxejja li kellu l-poplu Lhudi fit-Testment il-Qadim.

(a) _____ (marka)

(b) _____ (marka)

10. Spjega għaliex Ġesù kien mexxej differenti mill-mexxejja l-oħra.

_____

_____ (2 marki)

Kull Nisrani huwa msejjaħ biex ikun "il-melħ tal-art" u "d-dawl tad-dinja" biex nibnu soċjetà iktar umana.

11. F'madwar **60 kelma**:

(a) Semmi personaġġ milli studjajt, li permezz tal-ħidma tiegħu jew tagħha, fil-politika jew fir-reliġjon, kien/kienet il-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja għall-oħrajn. Spjega x'kienet din il-ħidma.

(b) Spjega permezz ta' eżempju, kif int, bħala Nisrani/ja tista' tagħmel id-differenza fil-ħajja tal-oħrajn għall-bini ta' soċjetà iktar umana.

(a) _____

_____(2 marki)

(b) _____

_____

_____(2 marki)

Taqsima E **(15-il marka)**

IT-TAJJEB VS IL-ĦAŻIN

Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata. (4 marki)

1. Fin-natura tiegħu, il-bniedem huwa msejjaħ biex **i**_____ u jkun maħbub.
2. "Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, raġel u **m**_____ ħalaqhom."
3. Il-libertà iġorr magħha **r**_____.
4. Il-bniedem maħluq biex jgħix f'armonija u paċi ma' Alla u l-**ħ**_____.

Wieġeb.

5. Fil-ktieb tal-Ġenesi nsibu **żewġ rakkonti** (l-ewwel u t-tieni rakkont) tal-ħolqien. Liema minn dawn huwa miktub:
   a. Forma ta' parabbola storika:_____ (marka)
   b. Forma ta' innu jew poeżija:_____ (marka)

6. X'inhu l-messaġġ li Ġesù jrid iwassal meta fil-Vanġelu jitkellem fuq tnejn min-nies, wieħed għaqli, li bena daru fuq il-blat u l-ieħor iblah, li bena daru fuq ir-ramel?

   _____

   _____ (2 marki)

7. Ikteb **żewġ konsegwenzi ħżiena** fuq l-bnedmin l-oħra, meta l-bniedem jieħu post Alla.

   (a)_____ (marka)

   (b)_____ (marka)

8. "Il-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden biex jaħdmu u jħarsu". (a) X'turina din il-frażi dwar l-istima li Alla għandu lejn il-bniedem?

   _____

   _____ (2 marki)

(b) F'madwar **40 kelma** u permezz ta' **eżempju** spjega kif int bħala Nisrani/Nisranja tista' taħdem u tħares il-ħolqien ta' Alla.

_____

_____

_____

_____

_____ (3 marki)

Taqsima F **(13-il marka)**

PARTI MINN DINJA AKBAR MINNI

Kompli dawn is-sentenzi. (6 marki)

1. Il-komunità Nisranija f' Malta taf il-bidu tagħha _____

_____.

2. Il-kliem "Kristjan" u "Nsara" jirreferu _____

_____.

3. Il-Moviment Ekumeniku jaħdem għall-għaqda fost _____

_____.

Wieġeb.

Fl-aħħar snin, il-Papiet ħassew il-ħtieġa li jieħdu inizjattivi għad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet il-kbar.

4. Agħti **eżempju** ta' waħda minn dawn l-inizjattivi li ħadu l-papiet.

_____(marka)

5. (a) Semmi komunità li nħolqot ispirata minn dan is-sens ta' djalogu reliġjuż.

_____(marka)

(b) Iddeskrivi l-ħidma li ssir f'din il-komunità.

_____

_____ (2 marki)

(c) F'madwar **40 kelma** u permezz ta' **eżempju**, spjega kif int bħala Nisrani/Nisranija tista' tkun mezz ta' għaqda fost nies ta' twemmin differenti fil-komunita' fejn tgħix.

_____

_____

_____

_____

_____ (3 marki)

Tmiem il-Karta